**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.5: Kif iħobbna Alla l-Missier**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal**

1. Jagħrfu x'inhi l-imħabba t'Alla għalina.
2. Jifhmu kemm hi kbira l-imħabba t'Alla għalina.
3. Japprezzaw li Alla jħobbna tassew.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Animated vidjow-klipp – God loves me.

http://www.youtube.com/watch?v=3ch239kCT3Q

- Rakkonti qosra meħuda mill-Bibbja.

- Vidjow-klipp dwar il-bidu tal-ħolqien – The Creation.

http://www.youtube.com/watch?v=DxUmt4GG2kI

**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal *Kif iħobbna Alla l-Missier? ... Kif tafu li jħobbna?*
- Ħalli lit-tfal liberi sabiex jesprimu l-ħsibijiet tagħhom.
- Għinhom biss permezz ta' mistoqsijiet diretti sabiex ma joħorġux 'il barra mis-suġġett.



**Nisimgħu flimkien:**

- Spjega kif l-ewwel forma ta' mħabba għalina Alla wrieha permezz tal-ħolqien tad-dinja u tal-bniedem innifsu.
- Uri l-vidjow-klipp sabiex turi lit-tfal x'kien kapaċi jagħmel Alla għalina.
- Spjega, bl-għajnuna tar-rakkonti meħuda mill-Bibbja, kif meta Ġesù nnifsu ġie fid-dinja, huwa wkoll uriena kemm Alla jħobbna.
- Il-fatt li bagħat lil ibnu Ġesù fostna huwa mod ieħor ta' kif Alla minn dejjem kien iħobbna.

- Irrakkonta fil-qosor meta Ġesù qal: "Alla jieħu ħsieb lill-għasafar u lill-ġilji fl-għelieqi. Aħseb u ara kemm aktar jieħu ħsieb lilna, li hu Missierna."
- Spjega kif Alla l-Missier tassew iħobbna għax kien Ġesù nnifsu li qalilna "Ħobbu lil xulxin bħal ma ħabbejtkom jien."
- Enfasizza kemm l-imħabba t'Alla għalina hija kbira u kemm aħna għandna nħossuna speċjali.



**Nagħżlu flimkien:**

- Spjega kif il-frażi li qalilna Ġesù hija ferm importanti għalina jekk aħna rridu nħobbu lil xulxin bħal aħwa.
- L-imħabba t'Alla għalina hija tassew kbira, għalhekk aħna għandna nimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù u nħobbu lil Alla u lil xulxin b'imħabba kbira.
- Inkunu lesti li ngħinu lil xulxin bil-qalb.




**Niċċelebraw flimkien:**

- Uri l-vidjow "God Loves Me" sabiex tikkonkludi l-lezzjoni u turi lit-tfal kemm Alla jħobbna b'modi differenti.

